Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

12,061] Il-Hamis, 7 ta' Settembru, 1967 *Thursday, 7th September, 1967* [Prezz 8d. *Price* 8d.

IT-TMIENJA TA' SETTEMBRU

Appell lill-Poplu ta' Malta u Għawdex

Ċittadini ta' Malta u Għawdex,

F'dan iż-żmien tas-sena jiena nitlobkom bħas-soltu, biex tagħtu daqqa ta' għajn lura miegħi fil-passat glorjuż tal-poplu ta' dawn il-Gżejjer li l-bravuri erojiċi tiegħu huma mniżżlin fl-istorja u fil-letteratura.

Meta konna għadna żgħar ħafna sirna nafu b'ċerta biża' dwar l-attakk qalil ta' l-1565 u meta sirna aktar maturi tgħallimna napprezzaw ir-reżistenza erojika ta' missirijietna. Fi żminijiet aktar reċenti ħafna minna kellhom igħaddu minn esperjenza simili ta' reżistenza erojika meta konna iffrontati minn għedewwa ferm aktar numerużi minna matul it-Tieni Gwerra Mondjali.

Il-perikoli li kellna nirrinfaċċjaw u l-kuraġġ suprem li bih għelibniehom, ċertament daħħlu fina lkoll dak is-sens ta' kburija għal suċċess ġigantesk, li r-riperkussjonijiet tiegħu nħassu mhux biss hawnhekk iżda mad-dinja ħielsa kollha. Infatti, kien każ ta' storja li irrepetiet ruħha, għaliex kważi erba' sekoli qabel, missirjietna kienu għaddew mill-istess baħar b'riżultati simili. Dawn il-ġrajjiet issa saru storja, iżda ż-żmien għadu ma fejjaqx għal kollox il-ġrieħi li ġarrabna aktar minn għoxrin sena ilu.

B'dawn il-provi tal-kuraġġ u d-determinazzjoni tan-nazzjon tagħna, kif sejrin nagħmlu biex nilqgħu il-futur? Malta hija issa nazzjon kompletament indipendenti, għaliex il-paċi għandha l-vittorji tagħha mhux inqas mill-gwerra. Il-leħen ta' Malta il-lum jinstema' b'rispett f'numru tassew kbir ta' laqgħat internazzjonali kemm barra minn pajjiżna kif ukoll ġewwa artna. Il-ħbiberija u t-tjubija naturali tal-poplu tagħna ħolqu impressjoni favorevoli ferm fost il-viżitaturi. Potenzi kbar wrew ruħhom disposti affavur Malta, u wrew wkoll simpatija ħajja fil-problemi li qegħdin jiffaċċjawna llum.

Inkoraġġiti b'dan, u bil-fiduċja li għandna fina nnifisna, nistgħu nħarsu lejn il-problemi li għandna quddiemna bl-istess ħarsa riżoluta li biha aħna ħarisna lejn l-għedewwa numerużi li resqu lejna fi żmien il-gwerra. Il-ġlieda li qegħdin niġġieldu llum hija l-ġlieda silenzjuża ta' l-ekonomija, il-ġlieda biex nibdlu pajjiżna f'nazzjon prospera, li tgħix fuq il-kapaċità u l-industrija tal-poplu tagħha.

Anke issa d-diffikultajiet huma tal-biża, iżda bħal fl-1565 u fit-Tieni Gwerra Mondjali aħna għandna nkunu preparati biex nilqgħu l-isfida bil-kuraġġ kollu u b'mod aggressiv. Aħna rnexxielna nagħmlu dan b'suċċess fl-imgħoddi u ma għandi l-ebda dubju illi nistgħu nagħmluh għal darb'oħra. L-istess kuraġġ u l-istess determinazzjoni li salvaw lil missirijietna fis-siegħa tagħhom ta' perikolu, għadhom hemm. Ir-rieda li nagħmlu għal pajjiżna dak li hu mistenni minna lkoll għadha hemm ukoll. Sakemm dan jibqa' hekk, nistgħu nibqgħu ċerti illi jkun kemm ikun qawwi il-mewġ kontra tagħna, fl-aħħar mill-aħħar noħorġu rebbieħa.

Ejjew, mela, nonoraw il-memorja ta' missirijietna billi nimitawhom fil-kuraġġ u d-determinazzjoni tagħhom, u billi ma nħallu qatt jingħad illi aħna wrejna li konna rġiel inqas minnhom!

Is-7 ta' Settembru, 1967.

G. Borg Olivier,
Prim Ministru.

THE EIGHTH OF SEPTEMBER

Appeal to the People of Malta and Gozo

Fellow Citizens of Malta and Gozo,

At this time of the year I ask you, as usual, to look back with me into the glorious past of the people of these Islands whose heroic deeds are recorded in history and in literature.

When we were still very young we learnt with awe of the mighty onslaught of 1565 and when we became more mature we learned to appreciate the epic resistance of our ancestors. In more recent times many of us had to pass through a similar experience of heroic resistance in the face of daunting odds during the Second World War.

The realization of the dangers which were faced and the supreme courage with which they were overcome, must surely have engendered in us all that sense of pride at a gigantic achievement, the repercussions of which were felt not only here but all over the free world. In fact, it was a case of history repeating itself, since nearly four centuries previously, our forefathers had performed a similar feat with similar results. These events are now history, and time has not yet fully erased the wounds suffered over two decades ago.

With these proofs of our nation's courage and determination, how do we propose to face the future? Malta is now a fully independent nation, for peace has her victories no less than war. Malta's voice is now heard and respected at innumerable international gatherings both abroad and on our own shores. The natural friendliness and warm-heartedness of our people have created a very favourable impression among visitors. Powerful nations have shown themselves well disposed towards Malta, and have evinced a lively sympathy in the problems which face us today.

Encouraged by this, and by the confidence which we have in ourselves, we can look at the problems before us with the same resolute gaze with which we looked on the approaching enemy hosts in time of war. The battle we are fighting today is the silent battle of the economy, the battle to turn our country into a prosperous nation, thriving on the skill and industry of its people.

Even now the odds are frightening, but as in 1565 and in World War Two we must be prepared to meet the challenge boldly and aggressively. We have done so successfully in the past and I have no doubt that we can do so again. The same courage and the same determination which came to the rescue of our forefathers in their hour of peril, are still there. The will to do for our country what is expected from us all is also there. As long as this remains so, we can always be sure that no matter how hard we are buffetted, in the end we shall triumph.

Let us therefore honour the memory of our forefathers by emulating their fortitude and determination, and let it never be said that we have proved to be lesser men than they!

7th September, 1967.

G. Borg Olivier,
Prime Minister.

FESTI TAT-8 TA' SETTEMBRU, 1967

Programm ta' Festi Organizzati

mill-Kumitat tal-Festi tat-8 ta' Settembru

IL-ĦAMIS, IS-7 TA' SETTEMBRU

9.00 a.m. Quddiesa Solenni Kantata "de Requie" fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.
Tqegħid ta' kuruni:

10.30 a.m. Ħdejn il-Monument Nazzjonali, Il-Belt Valletta.
Kavalieri, Għaqdiet, Studenti, Baned u Assoċjazzjonijiet oħra jiltaqgħu fil-kuridur tal-Kon-Kattidral u jimxu proċessjonalment għall-Monument wara l-Kumitat. Kuruni jistgħu jitqiegħdu sas-1 p.m. f'dik il-ġurnata biss. F'ebda post ieħor ma. jitħallew jitqiegħdu kuruni.

4.00 p.m. Ħdejn il-Monument tal-Gwerra, il-Furjana.

4.15 p.m. Ħdejn il-Monument fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.
Ħdejn l-Istatwa tal-Vitorja, l-Isla.

4.45 p.m. Ħdejn il-Monument tar-Rebħa, il-Birgu.

5.00 p.m. Fiċ-Ċimiterju tal-Forti Sant'Anġlu.
Jindaqq il-*Last Post* minn żewġ trumbettieri tal-King's Own Malta Regiment.
Il-Pubbliku jiġi ammess fil-Forti Sant'Anġlu mit-3.30 p.m. 'il quddiem, u jiġi mdawwar madwar il-Forti minn Gwidi.
Jitkanta l-Għasar fl-4.30 p.m. fil-Kappella tan-Natività tal-Forti Sant'Anġlu mir-Rev. Kapitolu tal-Knisja Konventwali u Kolleġġjata tal-Birgu.

IL-ĠIMGĦA, IT-8 TA' SETTEMBRU

10.30 a.m. "Te Deum" Solenni mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Metropolita.
Ikun hemm Gwardja ta' l-Unur fi Pjazza San Ġwann mill-Korp tal-Pulizija.
Servizzi Reliġjużi fil-Forti Sant'Anġlu.
Quddiesa Kantata mir-Rev. Kapitolu tal-Birgu ssir fl-10.15 a.m. fil-Kappella tan-Natività.
Quddiesa Letta fil-Kappella ta' Sant'Anna fil-11.15 a.m. mill-Wisq Rev. P. Delia.
Il-Forti Sant'Anġlu jkun miftuħ għall-pubbliku mid-9.30 a.m. sa nofs in-nhar u mis-2.00 p.m. sal-5.30 p.m.
Isiru żjajjar bl-ispjega fil-Forti Sant'Iermu fl-10.30 a.m. u l-4.30 p.m. Il-membri tal-pubbliku li jkunu jixtiequ jattendu għandhom jidħlu fil-Forti Sant'Iermu mill-Bieb ta' Fuq ta' Sant'Iermu. Ikun hemm gwidi apposta.

3.00 p.m. Tiġrijiet tad-Dgħajjes.

IS-SIBT, ID-9 TA' SETTEMBRU

5.15 p.m. Purċissjoni ta' Boy Scouts, Girl Guides, Tfal ta' l-Iskejjel u Korpijiet oħra mill-Furjana għall-Monument ta' l-Assedju l-Kbir.

5.45 p.m. Indirizz fi Pjazza l-Assedju l-Kbir mis-Sinjorina Frances Gauci, Studentessa ta' l-Iskola Teknika Sekondarja "Maria Assumpta". Jieħu sehem il-Kor ta' l-Iskejjel Primarji taħt it-tmexxija tas-Surmast C. Abela Scolaro.

6.15 p.m. Marċijiet mill-Banda Mount Carmel tal-Gżira u mill-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ segwiti minn Programm Mużikali fit-8.00 p.m. fi Pjazza Reġina.

IT-TNEJN, IL-11 TA' SETTEMBRU

5.45 p.m. Ċerimonja Kommemorativa Sollenni ħdejn il-Monument Nazzjonali fi Pjazza l-Assedju l-Kbir. Isir diskors mir-Rev. Patri Bonaventura Fiorini, O.F.M., tal-Konventwali Minuri.

6.15 p.m. Marċijiet mill-Baned "King's Own" u "La Valette".

8.00 p.m. Programm mużikali jikkonkludi l-festi.

Fis-7, it-8, id-9, l-10 u l-11 ta' Settembru, fuq l-Uffiċċji Pubbliċi u Istituzzjonijiet għandha tittella' l-Bandiera Nazzjonali.

Fit-8 ta' Settembru, il-vapuri fil-port għandhom ikunu mżejnin.

Il-postijiet li ġejjin ikunu mdawla mis-6 sal-11 ta' Settembru:

Il-Monument ta' l-Assedju l-Kbir;

Il-Palazz;

L-Auberge d'Aragon;

Il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann;

Il-Bieb tal-Bombi;

Il-Knisja Parrokkjali u l-Koppla ta' San Lawrenz, il-Birgu (il-Knisja Konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann);

Il-Koppla tal-Bażilka tal-Vitorja, l-Isla;

Il-Ponta ta' l-Isla;

Il-Forti San Miekel.

Il-Forti Sant'Anġlu jkun mdawwal mir-Royal Navy, u l-Forti Sant' Iermu u l-Berġa ta' Kastilja mill-Malta Land Force.

Fil-ġurnata tal-ftuħ ta' l-iskejjel, f'kull istituzzjoni edukativa għandu jsir diskors qasir.

Se ssir esibizzjoni dwar iż-żewġ Assedji ta' l-1565 u l-1941/43 fl-Armerija tal-Palazz mill-1 sat-12 ta' Settembru. Id-dħul ikun b'xejn.

C. G. ZAMMIT,
Chairman

J. G. GALEA,
Segretarju.

Is-7 ta' Settembru, 1967.

8TH SEPTEMBER FESTIVITIES, 1967

Programme of Celebrations organised by the

8th September Festivities Committee

THURSDAY, 7th SEPTEMBER

9.00 a.m. Solemn High Mass "De Requie" at St John's Co-Cathedral.
Wreath laying ceremonies:

10.30 p.m. At the National Monument, Valletta.

Knights, Unions, Students, Bands and other Associations will meet in the corridor of the Co-Cathedral and will march in procession to the Monument headed by the Committee. Wreaths may be laid up to 1 p.m. on this day only. At no other places will wreaths be allowed to be laid.

4.00 p.m. At the War Memorial, Floriana.

4.15 p.m. At the Memorial, Addolorata Cemetery.

4.30 p.m. At the Statue of Victory, Senglea.

4.45 p.m. At the Monument of Victory, Vittoriosa.

5.00 p.m. At the Cemetery, Fort St Angelo.

Two trumpeters of the King's Own Malta Regiment will sound the Last Post.

The Public will be admitted to Fort St Angelo from 3.30 p.m onwards, and will be conducted around the Fort by Guide lecturers.

Vespers will be sung at 4.30 p.m. in the Fort's Chapel of the Nativity by the Rev. Chapter of the Conventual and Collegiate Parish Church of Vittoriosa.

FRIDAY, 8th SEPTEMBER

10.30 a.m. Solemn "The Deum" by His Grace the Metropolitan Archbishop.
A Guard of Honour will be mounted by the Malta Police at St John's Square.

Church Services at Fort St Angelo:

High Mass by the Rev. Chapter of Vittoriosa will be sung at 10.15 a.m. in the Chapel of the Nativity.

Low Mass at St Anne's Chapel at 11.15 a.m. by the Very Reverend Father P. Delia.

Fort St Angelo will be open to the public from 9.30 a.m. to 12 noon and from 2.00 to 5.30 p.m.

Conducted tours of Fort St Elmo will be held at 10.30 a.m. and 4.30 p.m. Members of the public wishing to attend should enter Fort St Elmo through Upper St Elmo Gate. Guide lecturers will be in attendance.

3.00 p.m. Regatta.

SATURDAY, 9th SEPTEMBER

5.15 p.m. Procession of Boy Scouts, Girl Guides, School Children and other Bodies from Floriana to the Great Siege Monument.

5.45 p.m. Address on Great Siege Square by Miss Frances Gauci, a student of Maria Assumpta Secondary Technical School. The Primary Schools Choir under the direction of Mro. C. Abela Scolaro will participate.

6.15 p.m. Marches by the Mount Carmel Band of Gżira and the 12th May Band of Żebbuġ followed by a Musical Programme at 8.00 p.m. at Queen's Square.

MONDAY, 11th SEPTEMBER

5.45 p.m. Solemn Commemoration Ceremony at the National Monument at Great Siege Square. An oration will be delivered by the Rev. Fr. Bonaventura Fiorini, O.F.M., Minor Convent.

6.15 p.m. Marches by the 'Kings Own' and 'La Valette' Bands.

8.00 p.m. A musical programme will conclude the festivities.

On the 7th, 8th, 9th, 10th and 11th September, the National Flag will be flown on all public Offices and Institutions.

On the 8th September, ships in harbour will dress overall.

The following places will be floodlit from the 6th to the 11th September:

Great Siege Monument;
The Palace;
Auberge d'Aragon;
St John's Co-Cathedral;
Portes des Bombes;
Parish Church and Dome of St Lawrence, Vittoriosa (Conventual Church of the Order of St John);
Dome of the Basilica of Our Lady of Victory, Senglea;
Senglea Point;
Fort St Michael.

Fort St Angelo will be floodlit by the Royal Navy and Fort St Elmo and the Auberge de Castille by the Malta Land Force.

On the day of the re-opening of schools, a short commemorative address will be given in every education institution.

An exhibition in connection with the two Sieges of 1565 and 1941/43 will be held at the Palace Armoury from the 1st to the 12th September. Entrance will be free.

C. G. ZAMMIT,
Chairman

J. G. GALEA,
Secretary.

7th September, 1967.

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 590]

L-ACCOUNTANT-GENERAL JERĠA' JIDĦOL GĦAD-DOVERI TIEGĦU

IS-SUR W. Leaver, Accountant-General, reġa' daħal għad-doveri tiegħu fis-6 ta' Settembru, 1967, u l-arranġament li hemm riferenza għalih fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 518 ta' l-4 ta' Awissu, 1967, huwa b'din imħassar.

Is-7 ta' Settembru, 1967.

(OPM/E/1043/56)

GOVERNMENT NOTICES

[No. 590]

RESUMPTION OF DUTIES BY THE ACCOUNTANT-GENERAL

MR W. Leaver, Accountant-General, resumed duties on the 6th September, 1967, and the arrangement referred to in Government Notice No. 518 of the 4th August, 1967, is hereby cancelled.

7th September, 1967.

[Nru. 591]

KONFERMA TA' NOMINI — CONFIRMATION OF APPOINTMENTS

L-Onorevoli l-Prim Ministru approva dan li ġej: —

The Honourable the Prime Minister has approved the following:—

Isem *Name*	Dipartiment *Department*	Post *Post*	Data *Date*
Mr Joseph D. Spiteri	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/616/56)	25. 7.67
Mr Anthony J. Borg	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/615/56)	25. 7.67
Mr Francis X. Borg	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/377/49)	25. 7.67
Mr John Padovani Ginies	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPME/E/156/51)	25. 7.67
Mr John M. Cutajar	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/644/55)	25. 7.67
Mr Mario Wismayer	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/605/56/1)	25. 7.67

Isem *Name*	Dipartiment *Department*	Post *Post*	Data *Date*
Mr Joseph Pirotta	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/372/49)	8. 8.67
Mr Maurice P. Micallef	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/345/55)	8. 8.67
Mr Anthony F. Scerri	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/558/55)	8. 8.67
Mr Louis P. Camilleri	—	Uffiċjal Esekutiv *Executive Officer* (OPM/E/241/54)	8. 8.67
Mr Marcel M. Pizzuto	—	Uffiċjal Skrivan *Clerical Officer* (OPME/449/66)	11. 8.67
Mr Anthony R. Borg	—	Uffiċjal Skrivan *Clerical Officer* (OPM/E/459/65)	11. 8.67
Mr Tonio Farrugia	—	Uffiċjal Skrivan *Clerical Officer* (OPM/E/775/62)	11. 8.67

Is-7 ta' Settembru, 1967. 7th September, 1967.

ATT LI JIRREGOLA L-KUNDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (ATT NRU. XI TA' L-1952)

Avviż ta' Proposti dwar ir-Regolamenti tal-Pagi mill-Kunsill tal-Pagi dwar Karrozzi tal-Kiri u l-Karrozzi Privati

Il-Kunsill tal-Pagi dwar il-Karrozzi tal-Kiri u l-Karrozzi Privati għandu l-ħsieb jissottometi lill-Onorevoli Ministru tax-Xogħol, Impiegi u Sigurtà, skond is-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att ta' l-1952 li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-proposti li jinsabu fl-Iskeda ta' hawnhekk, li għandha x'taqsam ma' l-impjegati msemmija fil-qasam tat-tħaddim tal-Kunsill tal-Pagi msemmija.

Kull min jixtieq iressaq xi sottomissjonijiet dwar il-proposti jista' jagħmel hekk bil-miktub. Is-sottomissjonijiet għandhom jaslu lis-Segretarju tal-Kunsill mhux aktar tard mid-29 ta' Settembru, 1967.

Il-komunikazzjonijiet kollha li jkun fihom dawn is-sottomissjonijiet għandhom jiġu indirizzati lis-Segretarju, Kunsill tal-Pagi għall-Karrozzi tal-Kiri u Karrozzi Privati, Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni, 121, Triq Britannja, Il-Belt Valletta.

Francis Portanier
Chairman

Joseph F.X. Porsella Flores
Segretarju

Is-7 ta' Settembru, 1967.
(LE/373/67).

SKEDA

Tifsir

1. F'din l-Iskeda kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:— "vaganzi tas-soltu" tfisser:

Il-Festa taċ-Ċirkonċiżjoni	L-1 ta' Jannar
Il-Festa ta' l-Epifanija	Is-6 ta'Jannar
In-Nawfraġju ta' San Pawl	L-10 ta' Frar
Il-Festa ta' San Ġużepp	Id-19 ta' Marzu
Il-Ġimgħa l-Kbira	(Data Mobbli)
Il-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem	L-1 ta' Mejju
Lapsi	(Data Mobbli)
Il-Festa ta' Corpus Christi	(Data Mobbli)
Il-Festa ta' San Pietru u San Pawl	Id-29 ta' Ġunju
Il-Festa ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Mqaddsa	Il-15 ta' Awissu
Jum Nazzjonali	It-8 jew il-21 ta' Settembru
Il-Qaddisin Kollha	L-1 ta' Novembru
Il-Festa ta' l-Immakolata Kunċizzjoni	It-8 ta' Diċembru
Il-Milied	Il-25 ta' Diċembru

"ġurnata tfisser perijodu ta' erbgħa-u-għoxrin siegħa konsekuttivi li jibda minn nof il-lejl ta' ġurnata sa nofs il-lejl tal-ġurnata ta' wara;

"ħinijiet ta' xogħol" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-disposizzjoni tal-prinċipal, barra mill-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"ħin normali", "ħin u nofs", u "ħin doppju" rispettivament, darba, darba u nofs, u darbtejn ta' l-anqas rata ta' ħin li tapplika għall-impjegat;

"impjegat part-time" tfisser impjegat, minbarra għassies, li ma jaħdimx għal aktar minn erbgħa u għoxrin siegħa fil-ġimgħa ta' sitt ijiem, b'dana li l-ebda mpjegat ma jkun jista' jiġi mpjegat għal anqas minn 3 siegħat u għal aktar minn 6 siegħat f'ġurnata waħda;

"perijodu ta' impieg" tfisser il-ħin f'kull ġurnata li matulu l-impjegati jkunu għad-disposizzjoni tal-prinċipal, iżda magħduda l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ;

"pagi" tfisser kumpens jew qliegħ li jitħallas bi flus minn prinċipal lill-impjegat;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa" tfisser perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekutivi li jibda fil-ħin li fih l-impjegat normalment jibda x-xogħol tiegħu;

"impjegat whole-time" tfisser impjegat li mhux impjegat part-time.

Ħinijiet ta' Xogħol

2. (1) L-ebda persuna ma għandha iġġiegħel jew tippermetti persuna oħra impjegata minnu jew suġġetta għall-ordnijiet tiegħu li ssuq karrozza għall-kiri jew karrozza privata —

(i) għal perijodu kontinwu ta' aktar minn erba' siegħat; jew

(ii) għal perijodu, li ebda wieħed minnhom ma għandu jeċċedi erba' siegħat, li flimkien jitilgħu għal mhux aktar minn tnax-il siegħa f'kull perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa li jibda minn nofs il-lejl; jew

(iii) b'mod li sewwieq ma jkollux mill-anqas disa' siegħat, li sitta minnhom ikunu konsekutivi, għal mistrieħ f'xi perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa li jibda jgħodd mill-bidu ta' kull perijodu ta' sewqan.

(2) Is-siegħat tax-xogħol fil-ġimgħa għandhom ikunu:

(a) 44 fil-każ ta' Skrivan/*Receptionist,* u Gwida;

(b) 48 fil-każ ta' Xufier, Kondutturi/*Attendants,* u Impjegati Oħra;

(ċ) 72 fil-każ ta' Għassiesa.

(3) Is-siegħat tax-xogħol kuljum tal-kategoriji ta' impjegati fis-sotto-paragrafu (2) għandhom jkunu kif ġej:

(a) l-anqas 4 siegħat, l-aktar 8 siegħat;

(b) lanqas 5 siegħat, l-aktar 10 siegħat;

(ċ) 12-il siegħa.

L-Anqas Pagi ta' Impjegati Whole-time

3. (1) L-anqas paga Skrivan/*Receptionist,* u Gwida, għandha tkun £7. 15. 0d. fil-ġimgħa.

(2) Kondutturi/*Attendants,* u Impjegati Oħra għandhom jitħallsu:

Impjegati ta' 18-il sena u akbar	120s. 9d. fil-ġimgħa
Impjegati 'l fuq minn 16-il sena sa 18-il sena	100s. 0d. fil-ġimgħa

(3) Ix-Xufiera għandhom jitħallsu bis- £7. 10. 0d. fil-ġimgħa.

Meta jkun prattikabbli li jiġu mħaddma mpjegati nisa, l-anqas paga għandha tkun, fil-każijiet kollha, tmenin fil-mija ta' dik ta' ta' l-impjegati rġiel fl-istess kategorija. Din ir-rata għandha tiżdied bil-ħamsa fil-mija kull sena, li tibda sena wara l-bidu ta' din l-Ordni, sakemm tintlaħaq il-parità mar-rati ta' paga għall-impjegati rġiel.

(4) Għassiesa, li d-doveri tagħhom ikunu prinċipalment ġewwa, għandhom jirċievu 120s. 9d. fil-ġimgħa, u 140s. 0d. fil-ġimgħa jekk id-doveri tagħhom ikunu prinċipalment barra.

L-Anqas Pagi ta' Impjegati Part-Time

4. L-anqas paga ta' impjegati *part-time* għandha tkun:

(a) Fil-każ ta' Xufiera:

(i) għal 3 siegħat jew anqas f'kull ġurnata ... 10s. 0d.

(ii) għal kull siegħa jew parti minnha li taqbeż l-ewwel 3 siegħat f'kull ġurnata ... 3s. 1d. is-siegħa

(b) fil-każ ta' Kondutturi/*Attendants*:

	'Il fuq minn 18-il sena	Taħt it-18-il sena
(i) għall-ewwel 4 siegħat jew anqas f'kull ġurnata	12s. 6d.	10s. 0d.
(ii) għal kull siegħa jew parti minnha li taqbeż 4 siegħat f'kull ġurnata	2s. 6d.	2s. 1d.

(ċ) fil-każ ta' Impjegati Oħra:

	'Il fuq minn 18-il sena	Taħt it-18-il sena
(i) għall-ewwel 3 siegħat jew anqas f'kull ġurnata	7s. 6d.	6s. 3d.
(ii) għal kull siegħa jew parti minnha li taqbeż l-ewwel 3 siegħat f'kull ġurnata	2s. 6d.	2s. 1d.

(d) fil-każ ta' Skrivan/*Receptionist,* u Gwida:

(i) għall-ewwel 3 siegħat jew anqas f'kull ġurnata ... ... 12s. 6d.

(ii) għal kull siegħa jew parti minnha li taqbeż l-ewwel 3 siegħat f'kull ġurnata ... ... 3s. 6d.

L-Anqas Mistrieħ ta' Kuljum

5. Minbarra kif hemm fis-sottu-paragrafu (1) tal-paragrafu 2 l-impjegati kollha *whole-time,* minbarra l-għassiesa, għandhom ikollhom permessi għal intervalli għall-ikel u mistrieħ ta' mhux anqas, b'kollox, minn siegħa kujum;

Iżda:

(a) suġġett għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' dan il-proviso, l-interval jew intervalli għandhom jingħataw wara l-ewwel jew qabel l-aħħar siegħa tal-perijodu ta' l-impieg; u

(b) fejn l-aħħar nofs siegħa tal-perijodu ta' l-impieg tkun permessa bħala nofs siegħa ta' mistrieħ, l-impjegat għandu jkun intitolat li jħalli l-post tax-xogħol malli tibda dik in-nofs siegħa.

L-Anqas Mistrieħ fil-Ġimgħa

6. L-Impjegati kollha għandhom jingħataw ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa, li minnhom erbat ijiem f'kull sena kalendarja, għandhom jingħataw fil-Ħdud, jekk ikunu hekk mitluba mill-impjegat.

L-Anqas Rati ta' Sahra

7. (1) Fil-każ ta' l-impjegati kollha *whole-time,* minbarra x-xufiera, is-sahra għandha titħallas kif ġej:

(a) għal ħin kollu li jaqbeż is-siegħat ta' kuljum f'kull ġurnata, minbarra l-ġurnata tal-mistrieħ jew il-vaganzi tas-soltu ... ... ħin-u-nofs.

(b) għal ħin kollu maħdum fil-ġurnata tal-mistrieħ jew f'vaganzi tas-soltu ... ... ħin doppju.

(2) Fil-każ ta' xufiera, is-sahra għandha titħallas bil-ħin komuni; iżda kull xogħol li jsir fil-ġurnata tal-mistrieħ, jew kull sahra li ssir f'vaganzi tas-soltu għandha titħallas bir-rati ta' ħin-u-nofs.

Vakanzi

8. L-impjegati għandhom jingħataw 15-il ġurnata vakanza bil-ħlas, f'kull sena kalendarja, li tista' tinkludi kull jew il-vaganzi kollha tas-soltu. Vakanzi bħal dawn għandhom jingħataw fil-ġranet iffissati mill-prinċipal.

Iżda —

(a) l-impjegati sa kemm jilħqu sitt xhur ta' mpieg ikunu intitolati għal vakanzi fi proporzjon għan-numru tax-xhur fl-impieg;

(b) meta, fid-diskrezzjoni tal-prinċipal, il-15-il ġurnata vakanza jingħataw wara xulxin, l-impjegat għandu jingħata ġurnata oħra vakanza barranjia minflok kull ġurnata fil-ġimgħa ta' mistrieħ li tista' taqa' matul perijodu kontinwu bħal dan ta' 15-il ġurnata.

Btala għall-Mard

9. Wara li jgħaddu sitt xhur fl-impieg, l-impejgati jkunu intitolati għal 12-il ġurnata btala ta' mard f'kull sena kalendarja bil-paga sħiħa, iżda mnaqqas kull benefiċċju għal mard li għalih huma jista' jkollhom dritt skond l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali. Iżda ċertifikat tat-tabib li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol li jkopri l-perijodu ta' btala għandu jiġi preżentat lill-prinċipal.

Btala għal-Luttu

10. L-Impjegati għandu jkollhom jumejn btala bi ħlas fil-każ ta' mewt ta' xi ħadd minn dawn il-qraba ta' l-impjegat: il-mara jew ir-raġel, il-missier jew l-omm (jew il-persuna li f'dak iż-żmien kienet fil-fatt qiegħda tagħmilha bħala missier jew omm l-impjegat), l-iben jew il-bint u ħu jew l-oħt.

Vakanzi Speċjali

11. L-impjegati għandhom jingħataw jumejn vakanzi bil-ħlas meta jiżżewġu u ġurnata waħda bil-ħlas fil-każ ta' twelid ta' xi tarbija lill-mart l-impjegat.

Ħin ta' Stennija

12. Impjegat għandu dritt għall-ħlas ta' l-anqas paga applikabbli għalih għall-ħin kollu li matulu jkun preżenti fil-post tal-prinċipal tiegħu jew fi kwalunkwe post ieħor li għandu x'jaqsam ma' l-impieg tiegħu ħlief meta huwa jkun preżenti hemmhekk f'xi waħda miċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) mingħajr il-kunsens tal-prinċipal, imfisser jew mifhum;

(b) għal xi skop li ma għandux x'jaqsam max-xogħol tiegħu u li ma jkunx dak li jistenna għal xogħol li jingħata lilu biex jagħmel;

(ċ) għal raġuni biss tal-fatt li huwa joqgħod (jabita) hemmhekk;

(d) matul il-ħinijiet normali ta' l-ikel u l-mistrieħ u ma jkunx qiegħed jistenna għal-xogħol biex jingħata lilu biex jagħmel.

NOTA TA' TIFSIR

(*Din in-nota mhix parti mill-proposti iżda hi maħsuba biex turi l-applikabbiltà tagħhom*)

Il-provvedimenti tal-proposti ta' hawn fuq japplikaw għall-impjegati kollha f'kull intrapriża jew parti minn intrapriża, li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu kollha jew fil-parti l-kbira fil-kiri ta' karrozzi jew karrozzi ta' linji privati, li huma:

Xufiera
Kondutturi / *Attendants*
Skrivani / *Receptionists*
Gwidi
Għassiesa
Garage handyman

iżda mhux għall-*Mechanics* u l-*Petrol Station Attendants* li huma diġà koperati minn Ordnijiet li jirregolaw l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg oħra.

CONDITIONS OF EMPLOYMENT (REGULATION) ACT (ACT NO. XI OF 1952)

Notice of Wage Regulation Proposals by the Hire (Cars or Private Buses) Wages Council

It is the intention of the Hire (Cars or Private Buses) Wages Council to submit to the Honourable Minister of Labour, Employment and Welfare, in terms of sub-section (2) of section 7 of the Conditions of Employment (Regulation) Act, 1952 the proposals contained in the Schedule hereto, relating to the employees within the field of operation of the said Wages Council.

Any person wishing to make representations with respect to these proposals may do so in writing. The representations are to reach the Secretary of the Council not later than 29th September, 1967.

All communications containing such representations should be addressed to the Secretary, Hire (Cars or Private Buses) Wages Council, Department of Labour and Emigration, 121, Britannia Street, Valletta.

Francis Portanier
Chairman

Joseph F.X. Porsella Flores
Secretary

7th September, 1967.

SCHEDULE

Interpretation

1. In this Schedule unless the context otherwise requires:
"customary holidays" means:

The Feast of the Circumcision	1st January
The Feast of the Epiphany	6th January
The Feast of St. Paul's Shipwreck	10th February
The Feast of St. Joseph	19th March
Good Friday	(Movable)
The Feast of St. Joseph the Worker	1st May
Ascension Day	(Movable)
The Feast of Corpus Christi	(Movable)
The Feast of St. Peter and St. Paul	29th June
The Feast of the Assumption of the Blessed Virgin	15th August
National Day	8th or 21st September
All Saints Day	1st November
The Feast of the Immaculate Conception	8th December
Christmas Day	25th December

"day" means a period of twenty four consecutive hours commencing from midnight of one day to midnight of the next following day.

"hours of work" means the time on any day during which employees are at the disposal of the employer, exclusive of the intervals allowed for meals and rest;

"normal time", "time-and-a-half" and "double time" means respectively one time, one-and-a-half times and "double time", the minimum time rate applicable to the employee;

"part-time employee" means an employee, other than watchman, who does not work for more than 24 hours in a week of six days, provided that no employee may be employed for less than 3 hours and for more than 6 hours in any one day;

"period of employment" means the time in any one day during which employees are at the disposal of the employer but inclusive of the intervals allowed for meals and rest;

"wages" means remuneration or earnings payable in money by an employer to an employee;

"week" means a calendar week;

"weekly day of rest" means a period of twenty-four consecutive hours commencing at the time at which the employee would normally commence his turn of duty;

"whole time employee" means an employee who is not a part-time employee.

Hours of Work

2. (1) No person shall cause or permit any other person employed by him or subject to his orders to drive any car for hire or private-hire bus —

(i) for any continuous period of more than four hours; or

(ii) for periods, no one of which shall exceed four hours, amounting in the aggregate to more than 12 hours in any period of twenty four hours commencing at midnight; or

(iii) so that the driver has not at least nine hours, six of which must be consecutive, for rest in any period of twenty four hours reckoned from the commencement of any period of driving.

2. The weekly hours of work shall be:

(a) 44 in the case of Clerk/Receptionist, and Guide;

(b) 48 in the case of Drivers, Conductors/Attendants, and Other Employees;

(c) 72 in the case of Watchmen.

3. The daily hours of work of the categories of employees in sub-paragraph (2) shall be as follows:

(a) minimum 4 hours, maximum 8 hours;

(b) minimum 5 hours, maximum 10 hours;

(c) 12 hours.

Minimum Wages of Whole-time Employees

3. (1) The minimum wage for a Clerk/Receptionist, and Guide, shall be £7. 15. 0d. per week.

(2) Conductors/Attendants, and Other Employees shall be paid:

Employees 18 years old or over	... ...	120s. 9d. per week
Employees over 16 years to 18 years	...	100s. 0d. per week

(3) Drivers shall be paid £7. 10. 0d. per week;

When it is practicable to employ female employees, the minimum wage shall, in all cases, be eighty per cent of that of male employees in the same category. This rate shall be increased by five per cent. each year, starting one year after the commencement of this Order, until parity will be reached with the rates of pay for male employees.

(4) Watchmen, whose duties are mainly performed indoors, are to receive 120s. 9d. per week, and 140s. 0d. per week if their duties are mainly performed out of doors.

Minimum remuneration of part-time employees

4. The minimum wage of part-time employees shall be:

(a) In the case of Drivers:

(i) for 3 hours or less on any one day ... 10s. 0d.

(ii) for each hour or part thereof in excess of the first 3 hours on any one day ... 3s. 1d. per hour

(b) in the case of Conductors/Attendants:

	Over 18 years	Under 18 years
(i) for the first 4 hours or less on any one day	12s. 6d.	10s. 0d.
(ii) for each hour or part thereof in excess of the first 4 hours on any one day ...	2s. 6d.	2s. 1d.

(c) in case of Other Employees:

	Over 18 years	Under 18 years
(i) for the first 3 hours or less on any one day	7s. 6d.	6s. 3d.
(ii) for each hour or part thereof in excess of the first 3 hours	2s. 6d.	2s. 1d.

(d) in the case of a Clerk/Receptionist, and Guide:

(i) for the first 3 hours or less on any one day 12s. 6d.

(ii) for each hour or part thereof in excess of the first 3 hours on any one day ... 3s. 6d.

Minimum Daily Rest

5. Save as provided for in sub-paragraph (1) of paragraph 2 all whole-time employees, other than watchmen, shall be allowed intervals for meals and rest of not less, in the aggregate, than one hour every day;

Provided that:

(a) subject to the provisions of paragraph (b) of this proviso, the interval or intervals shall be allowed after the first or before the last hour of the period of employment; and

(b) where t he last half hour of the period of employment is allowed as a half-hour of rest, the employee shall be entitled to leave the place of work as soon as that half hour starts.

Minimum Weekly Rest

6. All employees shall be entitled to one day of rest per week, four days of which, in any calendar year, shall be granted on Sundays, if so requested by the employee.

Minimum Overtime Rates

7. (1) In the case of all whole-time employees, except drivers, overtime shall be remunerated as follows:

(a) for all time worked in excess of the daily hours in any one day, other than on the day of rest or on customary holidays ... ... time-and-a-half

(b) for all time worked on the day of rest or on customary holidays ... ... double time

(2) In the case of drivers, overtime shall be remunerated at an hourly flat rate; provided that any work performed on the day of rest, or any overtime performed on customary holidays shall be remunerated at time-and-a-half rates.

Vacation Leave

8. Employees shall be allowed 15 days leave with pay in every calendar year, which may include any or all of the customary holidays. Such leave to be granted on days to be fixed by the employer. Provided that:

(a) employees employed for less than six months shall be entitled to leave in proportion to the number of months in employment;

(b) when, at the employer's discretion, the 15 days leave are allowed consecutively, the employee shall be allowed an extra day's leave in lieu of each weekly day of rest that may occur during such continuous period of 15 days.

Sick leave

9. After completing six months in employment employees shall be entitled to 12 days sick leave on full pay in every calendar year, less any sickness benefit to which they may be entitled under the N.I. Act, 1956; provided that a medical certificate certifying incapacity for work covering the period of absence is produced to the employer.

Bereavement leave

10. Employees shall be allowed two days paid leave on the occasion of the death of any of the following relatives; the wife or husband, the father or mother (or the person who at the time was in fact acting as the father or mother of the employee), the son or daughter, and the brother or sister.

Special leave

11. Employees shall be allowed two days paid leave on the occasion of their marriage and one day paid leave on the occasion of the birth of any child to the wife of the employee.

Waiting Time

12. An employee is entitled to the payment of the minimum remuneration applicable to him for all time during which he is present on the premises of his employer or in any other place in connection with his employment unless he is present thereon in any of the following circumstances:—

(a) without the employer's consent, express or implied;

(b) for some purpose unconnected with his work and other than that of waiting for work to be given to him to perform;

(c) by reason only of the fact that he is resident thereon;

(d) during recognised breaks for meals and rest, and he is not waiting for work to be given to him to perform.

EXPLANATORY NOTE

(This note is not part of the proposals but is intended to indicate their applicability)

The provisions of the above proposals apply to all employees in any undertaking or part of an undertaking, the activities of which consist wholly or mainly in the hiring of cars or private buses, namely:

Drivers
Conductors/Attendants
Clerks/Receptionists
Guides
Watchmen
Garage handyman

but excluding Mechanics and Petrol Station Attendants who are already covered by other Wage Regulation Orders.

NUMRU U TONNELLAGG TA' VAPURI LI WASLU MALTA MATUL IL-GIMGHA LI GHALQET IL-ĠIMGHA FIT-30 TA' ĠUNJU, 1967, MQASSMIN B'NAZZJONALITA'

NUMBER AND TONNAGE OF VESSELS THAT CALLED AT MALTA DURING WEEK ENDING FRIDAY 30th JUNE, 1967, CLASSIFIED BY NATIONALITY.

Nazzjonalità *Nationality*	Ta' 100 Tunnellata u taħthom *100 Tons Gross & Under*			Fuq 100 Tunnellata *Over 100 Tons Gross*		
	Nru. *No.*	Tunnellaġġ Netti *Gross Tons*	Tunnellaġġ Netti *Net Tons*	Nru *No.*	Tunnellaġġ Netti *Gross Tons*	Tunnellaġġ Netti *Net Tons*
Renju Unit—United Kingdom ...	6	203	137	4	35,519	19,465
Malta—Malta	—	—	—	3	1,262	671
Awstrija—Austria	1	22	17	—	—	—
Danimarka—Denmark	1	1	1	—	—	—
Finlandja—Finland	—	—	—	1	9,815	5,726
Franza—France	—	—	—	1	500	281
Grecja—Greece	—	—	—	5	49,028	26,765
Italja—Italy	2	52	22	14	20,210	11,213
Olanda—Netherlands...	—	—	—	2	12,698	7,141
Norveġja—Norway	—	—	—	1	4,471	2,348
TOTAL	10	278	177	31	133,573	73,610

NUMRU U TUNNELLAĠĠ TA' AJRUPLANI LI WASLU MALTA MATUL IL-ĠIMGHA LI GHALQET IL-ĠIMGHA, FIT-30 TA' ĠUNJU, 1967, MQASSMIN B'NAZZJONALITA'

NUMBER AND TONNAGE OF AIRCRAFT THAT CALLED AT MALTA DURING WEEK ENDING FRIDAY 30th JUNE, 1967, CLASSIFIED BY NATIONALITY.

Nazzjonalità *Nationality*	Numru *Number*	Tunnellaġġ *Tonnage*
Renju Unit—United Kingdom	49	2742.6
Germanja tal-Punent—West Germany ...	2	127.6
Iżrael—Israel	1	139.4
Italja—Italy	10	192.8
Tunisija—Tunisia	2	25.0
U.S.A.—U.S.A.	1	11.4
TOTAL	65	3,238.8

Il-figura ta' 100 tunnellata ġiet adottata għaliex hija l-figura użata fit-tabelli prinċipali tas-sommarju ippubblikati kull sena minn Lloyds.

The figure of 100 tons has been adopted because it is the one used in the main summary tables published annually by Lloyds.

Is-7 ta' Settembru, 1967. 7th September, 1967.

AVVIŻI TAL-PULIZIJA

[Nru. 146]

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 81 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13) il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan igħarraf illi l-inġenji tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmijin hawn taħt fid-data u l-ħin indikati minħabba l-Festa tal-Vitorja.

ĦAL QORMI

Fis-17 ta' Settembru, 1967, bejn l-4 p.m. u l-11 p.m. minn Triq il-Kbira, Pjazza San Franġisk, Triq Santa Katerina, Triq Pinto u Triq il-Vitorja.

It-traffiku kollu tal-vetturi inklużi l-Karozzi tal-Linja li jkunu jivvjaġġaw lejn u minn Ħaż-Żebbuġ mid-direzzjoni ta' Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, jiġi mdawwar minn Triq San Bartilmew, lejn Triq l-Imdina, u viċi versa.

Is-7 ta' Settembru, 1967.

[Nru. 147]

Bis-saħħa ta' l-artikolu 81 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13), il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan igħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmijin hawn taħt fid-dati indikati minħabba tqegħid ta' *mains* ta' l-ilma.

IŻ-ŻEJTUN

Mill-20 ta' Settembru, 1967, sad-9 ta' Ottubru, 1967, minn Triq Luqa Briffa bejn Pjazza Carlo Diacono u Triq Santa Marija.

Is-7 ta' Settembru, 1967.

POLICE NOTICES

[No. 146]

In virtue of Section 81 (1) of the Code of Police Laws (Chapter 13), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles will be suspended through the streets mentioned hereunder on the date and time indicated in connection with Victory Feast.

QORMI

On the 17th September, 1967, between 4 p.m. and 11 p.m. through Main Street, St Francis Square, St Catherine Street, Pinto Street and Victory Street.

All vehicular traffic including Route Buses proceeding to and from Żebbuġ from the direction of Victory Street, Qormi, will be deviated through St Bartholomew Street towards Mdina Road and vice versa.

7th September, 1967.

[No. 147]

In virtue of section 81 (1) of the Police Laws (Chapter 13), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates indicated in connection with the laying of water mains.

ŻEJTUN

From 20th September, 1967, to 9th October, 1967, through Luqa Briffa Street between Carlo Diacono Square and St Mary's Street.

7th September, 1967.

M.T. Garages u Workshops

Id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi javża li l-Gvern qiegħed jittratta bi tħassib it-tfixkil maħluq fit-toroq bix-xogħol ta' kuljum ta' *Service Garages* u *Workshops* ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur li qegħdin joħolqu perikolu realment potenzjali għat-traffiku li dejjem jiżdied li qed juża dawn it-toroq.

Għal din ir-raġuni d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi dejjem skoraġixxa l-ftuħ ta' stabbilimenti bħal dawn f'toroq prinċipali.

Għall-benefiċċju ta' operaturi prospettivi li jistgħu jkunu qegħdin jippjanaw biex jiftħu *Service Garages* u/jew *Workshops* ta' tiswija ta' vetturi bil-mutur il-Ministeru tal-Bini Pubbliku u Xogħlijiet jixtieq jagħmilha ħaġa magħrufa lil kulħadd illi fl-interess tal-ħarsien tal-pubbliku ma jkunx jista' jirrakomanda applikazzjonijiet għal ftuħ ta' stabbilimenti bħal dawn f'postijiet li jisporġu f'toroq prinċipali.

Is-7 ta' Settembru, 1967.

M.T. Garages and Workshops

The Director of Public Works notifies that the Government has been viewing with concern the obstructions created on roads by the everyday business of Service Garages and Motor Vehicles Repair Workshops which constitute a really potential danger to the ever increasing traffic using these roads.

For this reason the Public Works Department has always discouraged the opening of such establishments on major roads and thoroughfares.

